MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 488/2008/1

**Gasan Mamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-asigurati taghha Peter u Monica konjugi Pace O'Shea skond il-ligi u l-polza ta' l-assikurazzjoni**

**vs**

**Doreen Vella u b'digriet ta' nhar l-1 ta' Settembru, 2008 t-Tribunal ordna l-kjamat in kawza tal-konjugi Joseph Hili u Rita Hili**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Frar, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf, hames mija u tlieta u sittin ewro u erbgha u ghoxrin ewro centezmu

(€1563.24) rapprezentanti hsarat sofferti mill-assigurati Peter u Monica Pace O'Shea in segwitu ghal ingress ta' ilma fil-fond taghhom 45/3, Capricorn Court, Triq Sir Luigi Camilleri, Sliema li sehh fit-28 ta' Novembru, 2007 u ghall-liema hsarat hija unikament responsabbli il-konvenuta u li ghalihom l-assikurati gew ikkumpensati mis-socjeta'attrici.

Bl-ispejjez mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mil-konvenuta fejn eccepixxiet preliminarjament illi il-konvenuta m'hijiex il-legittima kontradittur tas-socjeta' attrici stante li l-konvenuta m'hijiex il-proprjetarja tal-fond minn fejn origina l-allegat ingress ta' l-ilma u l-anqas tokkupa l-istess fond.

Bla pregudizzju ghall-premess il-konvenuta m'hijiex responsabbli ghad-danni allegatament mgarrba mis-socjeta' attrici konsegwentement ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici.

Bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe' kaz is-socjeta' attrici ghandha ggib il-prova skont il-ligi tal-*quantum* tad-danni minnha pretizi.

*In oltre,* m'hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta' danni favur is-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi bil-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Ra li b'digriet ta' nhar l-1 ta' Settembru, 2008 it-Tribunal laqa' talba u ordna l-kjamat in kawza tal-konjugi Joseph Hili u Rita Hili bhala propjetarji tal-fond in kwistjoni fuq talba tas-socjeta' attrici.

Ra r-risposta tal-konjugi Hili fejn isollevaw illi l-kjamati in kawza m'humiex responsabbli ghad-danni allegatament imgarrba mis-socjeta' attrici konsegwentement m'hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici.

Bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz is-socjeta' attrici ghandha ggib il-prova skont il-ligi tal-*quantum* tad-danni minnha pretizi.

In oltre, m'hemmx lok ghall-kundanna tal-kjamati in kawza ghall-hlas tad-danni favur is-socjeta' attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Ra u sema x-xhieda ta' Alfred Grech, Latimer Ebejer, Gordon Axiaq, Monica Pace O'Shea, Peter Pace O'Shea, Sharlo Vella, Doreen Vella, Felix Gauci.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar hsarat subiti fi proprjeta' appartenenti lill-assigurati tas-socjeta' attrici, Peter u Monica Pace O'Shea in segwitu ta' ngress ta' ilma allegatament provenjenti mill-fond sovrastanti.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenuta ma kienetx il-proprjetarja tal-fond sovrastanti u ntalab li l-koppja Joseph u Rita Hili tigi kjamata in kawza bhala l-proprjetarji tal-fond sovrastanti fil-blokk 45 Capricorn Flats/4, Triq Luigi Camilleri, Sliema.

Illi mix-xhieda jirrizulta li fit-28 ta' Novembru, 2007 il-fond appartenenti l-assigurati Pace O'Shea garrab hsarat ta' ngress ta' ilma li kien niezel mill-appartament ta' fuqhom u cioe' l-appartament numru erbgha (4) liema appartament kienet tiehu hsiebu l-konvenuta Doreen Vella. Illi minufih l-assigurati nfurmaw s-socjeta' assikuratrici taghhom u l-ghada fid-29 ta' Novembru, 2007 intbghat 'surveyor' sabiex jaghmel rapport. Illi meta kienu dahlu fl-appartament ta' fuq instab illi kien hemm xi perkolazzjoni mill-kamra tal-banju. Illi kien jidher illi l-ilma kien qieghed jipperkola minn mal-hajt. Illi l-assigurati gabu diversi stimi ghax-xoghlijiet ta' tiswijiet li kellhom isiru kif ukoll zewg ricevuti ta' hlasijiet maghmula li jinkludu ricevuta ghal tapit li kellu jinxtara mill-gdid. Kien hemm ukoll xoghlijiet ta' l-elettriku kif ukoll oggetti ta' l-elettriku li kellhom jinxtraw mill-gdid. Illi d-danni subiti skont is-socjeta' attrici gew jiswew €1563.24.

Illi rrizulta mill-provi li meta il-*claims supervisor* ta' Elmo Insurance, s-socjeta' assikuratrici tal-kjamati in kawza, kien mar fil-fond proprjeta' tal-kjamati in kawza gie muri *fitting connector* li kien jinsab wara l-madum ta' taht il-*water boiler*. Kien hemm prezenti tal-madum li kien qieghed isewwi x-xoghlijiet fil-fond tal-konvenuti kjamati in kawza. Il-*Claims Supervisor* tas-socjeta' Elmo Insurance, s-socjeta' assikuratrici tal-kjamati in kawza, il-konjugi Hili ikkonferma r-ritratti ezebiti in atti. Huwa kien ikkonkluda li l-kawza tal-perkolazzjoni ta' ilma fl-appartament ta' taht kien hsara fil-*fitting* li kien gie muri u in segwitu l-ilma pperkola ghall-appartament ta' taht. Illi rrizulta li s-socjeta' assikuratrici tal-kjamati in kawza ma kienetx hallset ghad-dannni subiti mill-klijenti taghha peress illi dan l-oggett li kien qieghed jikkawza l-perkolazzjoni kien jinsab mohbi u ghalhekk qalu li ma kienux responsabbli ghal *third party damages* f'dawn l-istanzi u konsegwentement il-klijenti

taghhom ma kienux koperti bit-tip ta’polza ta’assikurazzjoni li kellhom.

Illi Sharlo Vella *surveyor* mibghut mis-socjeta’ attrici sabiex jaghmel rapport dwar il-hsarat, ikkonferma r-ritratti ezebiti u li kien ra l-*fitting* li kien ikkawza l-perkolazzjoni. Ra li l-hsarat kienu jikkonsistu f’tiswijiet ta’ tlett bibien, *fitting* tad-dawl fil-kamra tal-banju, li kellu jigi vverifikat l-istat ta’ l-elettriku u li kellu jsir it-tibjid kemm fil-kuridur, kemm kamra tal-banju u tal-kamra tas-soddda.

Il-konvenuta Doreen Vella ikkonfermat illi hija ma kienetx il-proprjetarja, li dan l-appartament kien jinkera lil terzi tal-fond u li hija  kienet tiehu biss hsieb dan l-appartament ghall-propjetarji konjugi Hili. Dwar il-fatti tal-kaz ikkonfermat illi giet infurmata bil-perkolazzjoni ta’ ilma sofferti mill-appartament sottostanti appartenenti lill-konjugi Pace O’Shea minn Felix Gauci, il-*handy man* taghha. Kien dan il-bniedem ukoll li ntebah bl-ilma fl-appartament li hija tiehu hsieb u li sar jaf minnufih li  kien hemm ukoll ingress ta’ ilma fl-appartament ta’ taht. Vella u Gauci ftehmu li huwa kellu jgib *plumber* sabiex jiccekja x’kienet il-problema. It-tiswijiet fl-appartament tal-kjamati in kawza saru fid-29 ta’ Novembru, 2007.

Felix Gauci xehed li huwa u l-mara tieghu kienu jmorru izuru l-fond kull gimgha u li fit-28 ta’ Novembru, 2007 kien mar fl-appartament fejn ra lli kien hemm xi ilmijiet. Irrizultalu li l-ilma kien gej minn wara l-madum ta’ taht il-*water boiler* fil-kamra tal-banju. Dan kien bassru ghaliex l-ilma li kien niezel kien shun. Illi wara li gab *plumber* sabiex issewwi l-hsara li kien hemm rizulta li kien hemm *connector* wara l-madum li kien mar, tant illi l-ilma kien qieghed ifur ghall-mall-hajt. Bhala konsegwenza ta’ dan huwa kellu jkisser zewg madumiet sabiex tigi solvuta l-hsara li kien hemm. Ra wkoll li kien dahal ilma fil-kamra tas-sodda ta’ ma gemb il-kamra tal-banju u li kien hemm moffa

mall-gwardarobba. Ix-xhud ikkonferma r-ritratti ezebiti in atti.

Il-Perit Alfred Grech ikkonferma r-rapport imhejji minnu, ezebit in atti mis-socjeta' attrici u kkonferma li huwa qatt ma kien acceda fil-fond in kwistjoni. Huwa kkonstata il-hsarat mir-ritratti w qal li l-ilma kien qieghed jipperkola mis-saqaf ta' fuq. L-indikazzjoni kienet li dawn il-hsarat tfaccaw wara li nfaqet xi kanna ta' l-ilma minn fuq. Qal ukoll illi jekk id-danni ma kienux ha jissewwew fil-pront dawn kienu jaggravaw .

It-Tribunal wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu m'ghandux dubju li l-hsarat subiti mill-assigurati tas-socjeta' attrici gew kawzati mill-appartament tal-kjamati in kawza.

It-Tribunal huwa sodisfatt li l-konvenuta Doreen Vella kienet biss tiehu hsieb l-appartament ghall-kjamati in kawza u li kella *handy man* li kien imur izur il-fond kull gimgha. Illi effettivament is-sidien ta' l-appartament kienu l-kjamati in kawza. Illi mill-provi jirrizulta li Doreen Vella kienet tiehu hsieb l-appartament sewwa u ma jirrizultax illi hija kkontribwixxiet b'xi mod ghall-hsarat. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-hsarat gew kawzati biz-zmien u tort ta' ebda individwu partikolari.

It-Tribunal jirrilleva li rrizulta car mill-provi li l-kawza tal-perkolazzjoni kien pajp ta' l-ilma shun li kien jinsab wara l-madum tal-kamra tal-banju taht il-*water boiler* kif *d'altronde* jinsabu dejjem dawn it-tipi ta' pajpijiet ta' *water boiler*. It-Tirbunal huwa ampjament sodisfatt illi s-socjeta' attrici ppruvat illi l-ingress ta' ilma fil-fond tal-assigurati taghha kien gej mill-appartament sovrastanti.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Doreen Vella, it-Tribunal, wara li sema' u evalwa l-provi, huwa sodisfatt li la hija inkwilina u l-anqas ma hija il-proprjetarja tal-fond in kwistjoni. In konkluzjoni,

it-Tribunal huwa tal-fehma li Doreen Vella m'hijiex il-legittimu kuntradittur ghal dan il-kaz u ghalhekk it-Tribunal ha jilqa' l-ewwel l-eccezzjoni tal-konvenuta u jiddikjara li Doreen Vella ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi mill-provi jirrizulta li r-responsabbilita' tad-danni hija tal-proprjetarji u cioe' l-kjamati in kawza. Fl-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza ecceppew illi riedu prova tal-*quantum* tad-danni pretizi.

Illi bhala prova tad-danni, s-socjeta' attrici ezebit dokumenti GM4 sa GM8. Illi minn dawn il-hames dokumenti tnejn minnhom huma ricevuti fl-ammont ta' tmienja u erbghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€48.92) u ta' erba' mija, erba' u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€454.23) gja LM195 ta' *light fitting* u ta' tapit. It-tlett dokumenti ohra huma stimi u rikjesta ta' hlas ghal xoghlijiet riparatorji li kellhom isiru fil-fond. Illi wara li jitnaqqas l-ammont tar-ricevuti, li huma prova li x-xoghlijiet kienu saru fl-ammont imsemmi, l-bqija tal-*kwantum* huwa bazat fuq stimi pprezentati mill-assigurati lis-socjeta' atrici. Jirrizulta lli l-istima tal-Perit Grech kienet iktar oghlja u li s-socjeta' attrici ikkumpensat lill-assikurati taghha a bazi ta' l-istimi u ricevuti taghhom.

It-Tribunal jirrilleva li mill-provi ma jirrizultawx illi x-xoghlijiet ta' riparazzjoni saru hlief ghal rikjesta ta' hlas ghal servizzi ta' elettriku maghmula minn John Debattista fis-somma ta' mija u erbghin ewro (€140) liema servizzi ma gewx deskritti izda li kellu jsir biss kontroll jekk sarux xi hsarat fis-sistema ta' l-elettriku li ghal dan is-servizz il-Perit kien ta' stima ta' mija u erba' ewro (€104) izda li l-assigurati kienu qieghdin jitolbu *tramite l-electrician* is-somma ta' mija u erbghin (€140). Illi t-Tribunal jidhirlu li ghalkemm is-socjeta' attrici fil-fehma taghha qablet illi tikkumpensa lill-assigurati taghha fis-somma ta' elf, hames mija tlieta u sittin

ewro, u erbgha u ghoxrin centezmu (€1563.24), dan ma jfissirx illi valur veru tal-hsarat huwa €1563.24.

Illi wara kwazi sentejn mill-incident ma jirrizutax mill-provi illi l-hsarat gew riparati kollha. Illi t-talbiet huma bbazati fuq zewg ircevuti u parti kbira fuq stimi ta’ xoghlijiet. Illi fl-opinjoni esperta tal-Perit Grech imqabbad mis-socjeta’ attrici, it-tip ta’ hsarat subiti mill-konjugi Pace O’Shea kien tip ta’ hsara li kellu jigi riparat ghaliex jekk ir-riparazzjonijiet ma jsirux, id-danni ha jaggravaw. Izda minflok ricevuti gew ezibiti stimi ghat-tiswijiet.

It-Tribunal huwa moralment u legalment konvint illi l-konvenuti kjamati in kawza huma resposnabbli ghal hsarat subiti mill-assigurati tas-socjeta’ attrici, li n-ness guridiku bejn id-danni u l-kawza giet ippruvata u li l-konvenuta Doreen Vella mhijiex il-legittimu kuntradittur. Izda ma jhossx illi l-ammont tat-talba hija gusta u ekwa fic-cirkostanzi tal-kaz u jidhirlu li l-kwantum tad-danni kif mitluba huwa eccessiv u  li huma bbazati, fil-parti l-kbira, fuq stimi. Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, t-Tribunal *arbitrio boni viri* ha jirriduci l-ammont tat-talba u jillikwida d-danni fis-somma ta’ elf, mitejn u hamsin ewro (€1250.)

Ghar-ragunijiet premessi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi fil-waqt illi jillibera lill-konvenuta  Doreen Vella mill-osservanza tal-gudizzju w jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza, jilqa’ t-talba attrici *in parte* u konsegwentement jikkundanna lill-istess kjamati in kawza, konjugi Hili ihallsu lis-socjeta’ attrici fis-somma limitata ta’ elf, mitejn u hamsin ewro (€1250,) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-avviz.

Bl-ispejjes ta’ din l-istanza a kariku kwint ghas-socjeta’ attrici, u erba’ kwinti ghall-kjamati in kawza.”

Appellaw minn din is-sentenza l-konjugi Hili, imsejha fil-kawza, biex jipproponu b'aggravju illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti. Huma jissottomettu wkoll illi fil-kollakazzjoni tal-htija t-Tribunal illimita ruhu ghall-konstatazzjoni tal-hsarat kagjonati fil-fond ta' l-assikurati tas-socjeta` attrici u dik tal-fonti minn fejn originat il-perkolazzjoni ta' l-ilma minghajr ma esplora kif imiss ir-responsabilita` taghhom ghal dak li ssuccieda skond il-precetti tal-htija extra-kontrattwali, ossija l-kondotta kolpuza u n-ness ezjologiku tal-kawzalita`;

Il-fatti centrali li taw lok ghall-vertenza quddiem it-Tribunal kienu dawn. Il-fond tal-konjugi Pace O'Shea, assikurati tas-socjeta` attrici assiguratrici, sofrew danni fil-fond taghhom, sottostanti dak proprjeta` ta' l-appellanti, minn perkolazzjoni ta' ilma minn *connector pipe* difettuz tal-*water boiler* li kien jinsab wara l-madum tal-hajt fil-kamra tal-banju;

Ma jista' qatt ikun dubitat in linea ta' principju generali illi kull sid ta' bini hu prezunt li ghandu taht il-kontroll u disponibilita` tieghu mhux biss l-istruttura *ut sic* imma wkoll l-impjanti u l-installazzjonijiet ta' go fih. Gie ritenut ghaldaqstant minn din il-Qorti kif presjeduta illi "huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata anke minn dawn l-impjanti u installazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser allura illi jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali." Ara "**Giovanni Vella *et* -vs- Michael Cilia**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 23 ta' Gunju, 2004;

Fil-fehma espressa ta' din il-Qorti, f'kazijiet tax-xorta hawn ikkontemplati ta' perkolazzjoni ta' ilma minn fond wiehed ghall-iehor, in-natura oggettiva tar-responsabilita` hi skontata u ben evidenti. Din ir-responsabilita` hi fondata fuq il-fatt illi l-fond li minnu pperkola l-ilma kien taht il-

kustodja ta’ l-appellanti-sidien tieghu, u huwa dan l-istess fatt li ghandu jassumi l-aktar riljev fil-fattispeci. Dan qed jigi sottolinejat ghaliex, dejjem fl-opinjoni tal-Qorti, gjaladarba tezisti dik il-kustodja fis-sid dan huwa minnu innifsu kriterju ta’ responsabilita`, in kwantu jimponi fuq min ghandu d-disponibilita` tal-fond, sija materjali, sija guridika, ir-responsabilita` ghas-sehh ta’ certi eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-ricerka tan-ness kawzali bejn xi kondotta negattiva tieghu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruhu;

Anzi, dejjem fil-kaz ta’ l-ispecje hawn ezaminat, strettament id-danneggjat mhux tenut jipprova x-xorta ta’ kondotta kolpuza f’min igib fis-sehh l-event dannuz u, kwazi, kwazi, din hi wkoll irrilevanti in kwantu hu lanqas ma ghandu l-possibilita li jaccedi fil-fond li minnu originat il-hsara u, allura, tezisti ghalih anke id-diffikolta estrema li hu jipprova l-kondotta effettiva ta’ sid dak il-fond;

Kif taraha din il-Qorti d-danneggjat hu gravat bl-oneru li jiddemostra li l-event gie prodott b’konsegwenza tal-malfunzjonament jew tal-hsara fl-attrezzatura jew installazzjoni sitwata fil-fond sovrastanti u li tali kienet tirrapprezenta dik il-kondizzjoni necessarja u sufficjenti fil-produzzjoni tal-hsara. Il-provi in atti dan jikkonfermawh. Jinghad a propozitu mill-**Franzoni** (“**Le obbligazzioni da fatto illecito**”, Ed. Utet, 2004 p. 292), “*In questo modo, il danneggiato è gravato soltanto dall’onere di dimostrare l’esistenza del rapporto eziologico tra la cosa e l’evento del danno, mentre sul convenuto grava l’onere di provare l’esistenza di un fattore, estraneo alla sua sfera soggettiva, idoneo ad interrompere quel nesso causale (**Cass. 13 ta’ Frar, 2002, Nru. 2075**)”;*

Xi haga konsimili nghad minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha tas-7 ta’ Frar, 2007 fl-ismijiet “**Albert Farrugia -vs- Peter Galea *et***”, u cjoe, “kull ma kellu jipprova l-attur kien il-fatt ta’ l-ingress ta’ l-ilma fil-fond tieghu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjeta`

ta' l-appellanti. Hi din il-prova tan-ness materjali tal-kawzalita bejn l-ingress ta' l-ilma u d-dannu verifikat li kienet tinkombi fuq l-attur. Dan ghaliex fil-kaz prezenti ninsabu fil-presenza tar-responsabilita` oggettiva, hekk krejata mis-sitwazzjoni taz-zewg fondi, ghal liema jghoddu wkoll il-principju tar-*res ipsa loquitur.*" Jikkonsegwi minn dan illi r-responsabilita` tissussisti ma' l-accertament posittiv ta' l-ingress ta' l-ilma mill-fond ta' l-appellanti u li dak il-fatt kellu effikacja kawzali fil-produzzjoni ta' l-event tal-hsara;

Biex allura l-appellanti setghu jiskansaw ruhhom minn din ir-responsabilita` huma kien jenhtiegilhom jipprovaw il-kaz fortuwitu, applikabbli sija fil-kaz ta' danni extra-kontrattwali (Artikolu 1029), sija fil-kaz ta' danni kontrattwali (Artikolu 1134, Kodici Civili). Hi t-tezi ta' l-appellanti illi dak li sehh kien fatt jew event lil hinn u distakkat mill-fatt posittiv u/jew negattiv tal-bniedem u li, addizzjonalment, ma kienx imbassar minn qabel minn persuna ta' dehen ordinarju jew, ghall-anqas, li seta' jigi evitat. Huma naturalment jissottomettu dan biex isostni l-punt illi la l-*pipe* ma kienx vizibbli ghax mirdum fil-hajt, *ergo,* lanqas ma kien possibbli li huma jipprevjenu dak li ssuccieda jew li jipprevedu l-kagun tad-dannu. Fil-kumpless taghhom il-provi ma jaghtux sostenn u fidi lil dan l-assunt;

Ghal din is-sottomissjoni il-**Franzoni** (*Op. Cit.* p. 291) iwiegeb hekk: "*Ai fini della prova liberatoria viene in rilievo soltanto una nozione oggettiva del caso fortuito, che attiene, non ad un comportamento del responsabile, ma alla modalita` di causazione del danno ed in particolare al profilo causale; il caso fortuito, infatti, libera da responsabilita` il custode ogni qualvolta sia dotato di un autonomo impulso causale, in modo tale da consentire di ricondurre all'elemento esterno, anziche alla cosa che ne è fonte immediata, il danno che concretamento si è verificato. La dimostrazione della diligenza del custode è irrilevante; l'elemento soggettivo non entra in gioco ne per l'ignoranzia sullo stato della cosa, ne per la prevedibilità dell'evento ...*". Fil-kaz in ezami certament ma jistax

jinghad li jezisti xi fattur estern eccezzjonali ghaliex l-okkorrenza tad-dannu avverat minn qaghda interna ta' impjant sitwat fil-fond ta' l-appellanti u taht ir-responsabilita taghhom. Wisq anqas ma seta' jkollok f'din il-qaghda dik l-incidenza ta' l-imprevedibilita u ta' l-inevitabilita ghal liema jirrikorru l-appellanti. Dan ghaliex xi darba jew ohra kien dejjem prevvedibbli anke ghalihom *qua* sidien mill-konsegwenzi li l-hsara fil-*pipe* mirdum setghet tikkaguna. F'dan il-kaz il-*casus* invokat ma jistax iservi biex jehles lill-appellanti mill-imputabilita` u allura mir-responsabilita ghad-danni kagjonati fil-fond ta' l-assikurati ghaliex ikollu anzi jinghad illi *culpa praecessit casum*.

Ghall-motivi fuq konsiderati din il-Qorti tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------